MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Talba Numru. 800/2008

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru**
**tal-Edukazzjoni, Kultura,**
**Zaghzagh u Sport**

**vs**

**Jon Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta` Ottubru, 2008, fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ disa` mitt euro u wiehed u tmenin centezmu (€900.81c) refuzjoni ta` stipendju li l-konvenut kien ha ghal kors fl-istudji turistici u dana in vista tar-rizenja tieghu u dana skond il-kondizzjonijiet ta` l-istess kors.

Bl-ispejjez inkluzi ta` ittra ufficcjali datata 29 ta` Ottubru, 2003.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 23 ta` Dicembru, 2008 fejn ikkontesta l-ammont reklamat mill-attur bis-segwenti risposti u cioe` in linea preliminari l-preskrizzjoni ai termini ta` l-artikolu 2148 (c) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Fit-tieni lok in-nuqqas ta` nteress guridiku da parti ta` l-attur. Illi l-konvenut ma hux marbut kontrattwalment sabiex ighaddilhom refuzjoni ta` l-istipendju mhallas. Illi t-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. B'riserva ghal prezentata ta` risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ezamina x-xhieda mressqa nkluz id-dokumenti ezebiti fir-rigward ta` l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta` natura preliminari sollevati mill-konvenut.

Ha nota li l-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni tieghu wara li xehed r-rapprezentant ta` l-attur fl-ahhar seduta tat-12 ta` Marzu, 2009.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet fir-rigward ta` l-ewwel eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna.

Ikkunsidra.

Illi fuq l-ewwel eccezzjoni l-konvenut jikkontendi li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta` l-artikolu 2148 (c) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta u cioe` dik bid-dekors ta` tmintax il-xahar u kwindi mal-prezentata ta` l-ittra ufficcjali datata 29 ta` Ottubru, 2003, din ma serviet ghal xejn peress illi l-azzjoni kienet gia` preskritta sa dak in-nhar in vista tal-fatt li l-konvenut kien irrizenja fis-Sajf tas-sena 2001.

Minn naha l-ohra l-attur jikkontendi li l-artikolu tal-ligi invokat mill-konvenut ma hux applikabbli ghal kaz in ezami in vista ta` l-artikolu 2115 (2) Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan l-artikolu ighid car u tond li wiehed ma jistax jissolleva tali eccezzjoni fil-konfront tal-Gvern ta` Malta hlief fil-kazijiet imsemmija fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156, Kap Sittax. Illi ghalhekk jidher evidenti li l-artikolu 2148 (c) kwotat mill-konvenut ma jinsabx indikat

fl-artikolu 2115 (2) u ghalhekk il-preskrizzjoni ta` tmintax il-xahar ma hux applikabbli fil-kaz in ezami stante li qed jigi sollevat fil-konfront tal-Gvern ta` Malta.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi fuq l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni billi jichad l-istess eccezzjoni u kwindi jordna l-prosegwiment tal-kaz fuq il-meritu. Spejjez ta` din id-decizjoni jigu riservati ghal gudizzju finali fuq il-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------